MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 297/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**
**Vs**

**Spiro Bartolo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Lulju, 2003, ghall-habta tas-12.45 hrs, fil-Mellieha, minghajr hsieb li jisraq u/jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel jew xort'ohra bl-awtorita' tieghu nnifsu, fixkel lil Christino Mifsud, Francesco Fenech, Antonia Fenech u ohrajn fil-pussess ta' hwejjighom.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 t'Ottubru, 2005, li biha,

wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 t'Ottubru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-**

**Li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-*"mens rea",* anzi l-fatti kollha jindikaw proprju l-oppost u cioe' li l-kwerelanti tkellmu w saru jafu dwar l-appellant wara x-xogholijiet mertu tal-kaz. Ebda wiehed jew wahda mill-persuni li jippretendu xi dritt fuq il-kamra in kwistjoni ma qatt tkellem, indika jew iddiskuta dan id-dritt jew pretensjoni mall-appellant. L-Ewwel Qorti stess qalet li l-hsara jew danni subiti fil-kamra in kwistjoni kien rizultat tax-xogholijiet esegwiti mill-appellant fil-proprjeta' tieghu stess u dan jelimina l-*mens rea*. Biex treggi l-akkuza ta' *ragion fattasi* trid tezisti f' mohh minn jezercita dritt jew pretensjoni spettanti lilu l-konsapevolezza ta' pretensjoni jew dritt simili jew konfliggenti ma tieghu, altrimenti kull persuna li tezercita dritt jew pretensjoni ad insaputa ta' xi dritt jew pretensjoni ta' haddiehor, inkonxjament tkun qed tesponi ruha ghall-azzjoni kriminali – li certament mhux l-intenzjoni tal-ligi.**

**Semghet ix-xhieda waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoini fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

**Christino Mifsud** xehed li f' Lulju, 2003, huma kellhom kamra fil-Mellieha li giet imwaqqa'. Ghalhekk hu kien mar fejn l-Avukat tieghu w sar rapport . Din il-kamra kien fiha hafna affarijiet tieghu w ta' hutu, bhal ghamara u xi inkwatri. Il-muftieh ta' din il-kamra minn dejjem kien ghandhom u fil-fatt ghadu ghandu. Il-kamra giet ghandhom b' wirt tan-nannuhom. L-appellant kien qed ihaffer magemb il-kamra biex jibni w iben ix-xhud kien gharaf lil dawn il-haddiema. Dak in-nhar stess li l-appellant waqqa' l-kamra hu w l-Avukat tieghu marru ghand l-Ispettur. Hu ma kienx rah iwaqqaghha pero'. Lill-appellant hu ma kien kellmu qatt qabel waqghet il-kamra. Pero', wara li kien waqqa' l-kamra, l-appellant kien sabu fit-triq u qallu: "N*irrangaw"* u hu kien wiegbu: "*Issa mmorru l-Qorti u jirranga l-Qorti."*

**Francesco Fenech** xehed li l-appellant kien waqqa' l-kamra taghhom meta kien jaf li din mhux tieghu. Hu ma kienx rah iwaqqaghha w kienet ohtu li ttendiet b' dan. Pero' l-kamra kien raha imwaqqa'. Lilu l-appellant qatt ma kellmu ghalkemm kien kellem lil Christino Mifsud u lill-ohtu.

**Antonia Fenech** xehdet li fit-23 ta' Lulju, 2003, kienet dahlet il-Belt u meta giet lura d-dar, semghet ic-cekcik u telghet tigri fuq il-bejt u rat lill-haddiema tal-appellant iwaqqghu l-kamra li tigi fejn toqghod hi. Kienu waqqghu l-bejt u kienu qed iwaqqghu l-hitan. Kienu qed izarmaw bl-idejn, jaghazlu kantun, kantun. L-appellant qed jibni hemm ghax xtara l-qatgha w fettillu li l-kamra hi tieghu ukoll. Ma beniex fuqha pero'. Fil-qatgha tieghu qed jibni. Il-kamra waqqagha biss u hi ilha minn dak iz-zmien imwerwra ghax fethilha berah u tghix waheda. L-appellant qalilha li minnhabba li qeghdin fil-Qorti ma jistax jibnilha. Wara li twaqqghet il-kamra, l-appellant kien avvicinha biex jirrangaw. Qabel waqghet il-kamra pero' kien kellimha u

qalilha li l-kamra suppost li kienet tieghu w hi kienet wegbitu li le hemm ma kienx tieghu w li huma qatt ma hallsu kera lil hadd tal-kamra. Hi kienet izzomm il-pjanti fiha w hemm l-ilma ghaddej mid-dar taghha ghal din il-kamra minn kanna. Hi dejjem tiftakar il-kamra hemm. Huma kienu xtraw d-dar taghhom minnghand hut wahda xiha wara li din mietet xi hamsin sena ilu w qabel kienu jhallsu l-kera lilha.

In kontro-ezami x-xhud tenniet li lill-appellant kienet kellmitu qabel ma waqghet il-kamra. Jekk ma qalitx dan quddiem il-Magistrat, dan kien ghax ma staqsewhiex. Hi kienet tghid lill-hutha b’ dan. Veru li huma qeghdin il-Qorti fuq din il-kamra mal-familja Mifsud, pero’ dik hija haga ohra. Il-kamra kienet mall-post taghhom ghax dawn kienu zewg postijiet fejn xulxin ta’ zewgt’ ahwa. Huma xtraw il-post. Hi ghada diehla u hierga fil-bitha ghax ghandha l-pjanti hemm u l-bitha ma waqghetx. Il-kamra waqqa’, tan-naha ta’ barra.

**PS 614 Saviour Garzia** xehed li fit-23 ta’ Lulju, 2003, dahal rapport wara d-9 pm minn Francesco Fenech u Antonia Fenech , fl-ghassa tal-Mellieha li kienet twaqqghet kamra. Aktar tard kien mar l-ghassa ukoll Christino Mifsud li ghamel l-istess rapport u qal li l-kamra kienet tappartjeni lilu wkoll.
Dawn kienu qalu li kien qed isir xoghol ta’ skavar go bicc’ art li tmiss mall-proprjeta’ taghhom u din twaqqghet. Fil-fatt waqghet il-faccata w s-saqaf ta’ dar u, b’ rizultat ta’ dan, saret hsara f’ xi ghamara li kien hemm go fiha. Kienu ndikawlu li l-persuna li waqqghet il-kamra kienet Spiridione Borg imma, wara investigazzjoni li saret mix-xhud, skopra li kunjomu kien Bartolo.

**PC 559 Jason Spiteri** xehed li meta dahal ghax-xoghol fit-23 ta’ Lulju, 2003 ghall xid-9.20 pm, kien sab lil Cikku Fenech u Christino Mifsud li rrapurtawlu li fir-residenza fejn tghix ohthom Antonia Fenech, 1 , Triq Qasam Barrani, Mellieha, din sabet kamra mwaqqa’ meta kienet giet lura mil-Belt f’ xil-12.45 pm u li din kienet rat haddiema jwaqqghu w inehhu t-terrapien. X’ hin Antonia Fenech staqasiethom min kien qabbadhom, dawn qalulha

li kien Spiro Bartolo. Wara hu kien mar fuq il-post u kkonferma li l-kamra kienet nofsha imwaqqa’. Hu ma kellimx lill-appellant dwar il-kaz. Hu lill Antonia Fenech qatt ma kellimha.

**L-appellant** ma xehedx f’ din il-kawza.

Ikkonsidrat ;

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ “ragion fattasi” taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe’ :-**
**(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta, ta’ dan il-hadd iehor;**
**(b) il-kredenza li l-att qed isir b’ezercizzju ta’ dritt ;**
**(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *“di privato braccio*” dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika ; u**
**(d) n-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.**
**(Ara. App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia” **[17.2.95]** ; “Il-Pulizija vs. Reno Micallef” **[6.6.95] ;** “Il-Pulizija vs. Mark John Schembri” **[18.9.2002] u ohrajn )**

Ikkonsidrat ;

Li l-appellant mhux qed jikontesta li x-xoghol tat-twaqqiegh tal-kamra sar minnu jew fuq ordni jew kommissjoni tieghu. Li qed jikkontesta huwa l-*mens rea* li tikkostiwixxi r-reat in dizamina. Jirrizulta ukoll li din il-kamra li waqghet kienet fil-pussess tal-ahwa Fenech u ta’ Christino Mifsud li kellhom ic-cwievet taghha w anki kienu jzommu xi ghamara fiha. Lanqas qed jigi argumentat u, inqas u inqas, pruvat, al meno sal grad tal-probabbli, li l-kamra waqghet b’ xi incident bhal per ezempju ghax kien qed isir xi skavar hdejn il-pedamenti tal-hitan taghha, f’liema kaz seta’ jipotizza ruhu reat iehor bhal dak ta’ danni involontarji. Ghal kuntrarju mix-xhieda ta’ Antonia Fenech jirrizulta bla ebda kontestazzjoni li l-haddiema

kienu qed izarmaw il-hitan tal-kamra bl-idejn u jaghazlu kantun, kantun. Dan jindika bla ebda dubju ta' xejn li x-xoghol tat-twaqqiegh li kien qed isir kien wiehed ippjanat u deliberat u mhux rizultat ta' xi incident imprevvist fil-kors ta' xogholijiet vicini.

Inoltre mix-xhieda mhux kontradetta ta' Antonia Fenech, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant fir-rikors tieghu, jirrizulta li l-appellant, f' okkazzjoni <u>precedenti</u> ghat-twaqqiegh, kien kellimha w qalilha li l-kamra in kwistjoni suppost li kienet tieghu w hi kienet pronta qaltlu li dan ma kienx il-kaz u li l-kamra kienet taghha w ta' hutha. Ghalhekk jemergi li l-appellant kien qed jivvanta certa pretensjoni fuq din il-kamra u kien jaf minn qabel ma qabbad il-haddiema tieghu biex iwaqqghuha li l-*parte civile* kellha pretensjoni dwar din il-kamra. Mhux biss imma suppost li kien jaf li din il-kamra kienet okkupata u gawduta mill-*parte civile*.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk il-provi juru b' mod l-aktar car li l-hsieb tal-appellant kien li jezercita dritt li kien jahseb jew jippretendi li kellu . Mill-provi in fatti jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat ta' "*ragion fattasi"* u cioe' (1) l-att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att kien qed isir b' ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza li dak li kien qed jaghmel kien qed jaghmlu "*di privato braccio*", meta suppost li, jekk kellu xi pretensjoni fuq il-kamra fil-pussess tal-*parte civile,* kien imissu adixxa lil Qorti kompetenti biex jitlob regolament gudizzjarju tal-pretensjoni tieghu , jew kif jghid il-**Crivellari**, Il Codice Penale per il-Regno d' Italia Interpretato ecc. (Torino , 1895, Vol. VI, pagna 749) : *"la persuasione di fare da se' cio' che dovrebba farsi reclamando l' opera del Magistrato"* ; u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara, fost diversi sentenzi : **"Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia"** App. Krim. [14.12.1957], Vol. XLI , iv. p.1506; "**Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar"** , App. Krim. [18.9.1996] u **"Il-Pulizija vs. Mario Lungaro"** , App. Krim.[15.11.1996].

Illi jigi pero' rilevat li l-fattispecji tal-ahhar kaz ta' **Lungaro** fuq citat kienu differenti minn dawk tal-kaz odjern, ghaliex fil-waqt li f' dak il-kaz ma saritx il-prova li dak li sar mill-appellant Lungaro kien sar biex hu jezercita xi jedd li kien jippretendi li kellu, f' dan il-kaz , mix-xhieda mhux kontestata ta' Antonia Fenech quddiem din il-Qorti, rrizulta li l-appellant kien ivvanta pretensjoni fuq il-kamra li eventwalment waqqa' u li din il-pretensjoni kienet giet kontestata mill-istess Antonia Fenech qabel ma sar it-twaqqiegh.

Kif jghid il-gurista **Antolisei** "*Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale"* , (Vol. II , Giuffre' (Milano) 1986 , p.968):-

*"Quanto al'' elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritt. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero, non e' altro che l 'intenzione di farsi ragione da se' medesimo, e siccome questo "farsi ragione ecc." non e' un quid che sta al di la' del fatto che costituisce il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento), il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico."*

Issa, kif intqal, fil-kaz in ezami, l-Prosekuzzjoni proprju waslet biex tipprova li dak li sar kellu l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat ta' *ragion fattasi*, ghax jirrizulta li meta l-appellant ikkommetta lill-haddiema biex iwaqqghu l-kamra, dan kien qed jaghmlu ghax kien qed jippretendi li hemm tieghu, minkejja li kien jaf li din il-pretensjoni kienet kontestata. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant li ma kellux il-*mens rea* rikjesta mil-ligi huwa infondat u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------